MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2006

Numru. 243/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Therese Sciberras)**

**versus**

**Orazio Grixti**

Il-Qorti

Rat l-imptuazzjoni dedotta kontra Orazio Grixti li għandu numru ta' l-identita' 387482 (M), li twieled fis-17 ta' Lulju 1982 il-Pieta' bin Dominic u Lucia nee Grima u li joqgħod 32 Grazia Triq San Pawl Gudja

Akkużat talli nhar il-4 ta' Frar 2006 f'dawn il-Gżejjer u cioe' fi Triq Għajn Tuffieħa San Pawl il-Baħar ipprova jikkommetti serq ta' ħwejjeġ ta' valur ta' aktar minn Lm50 cioe' serq ta' diesel u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex

esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u dan għad-detriment ta' terzi persuni.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Marzu 2006, il-fedina penali ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu kif ukoll ir-risposta tiegħu li ma kellux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jkunu sommarji, liema risposta ngħata żmien xieraq biex jaħseb fuqha.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat għal din l-imputazzjoni li huwa kkonferma wara ħin għar-riflessjoni.

Għaldaqstant din l-imputazzjoni ġiet ippruvata skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41(1)(a), 261 (f), 270, 281(a) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih iżda, wara li semgħet iċ-ċirkostanzi ta' kif ġara l-każ, qieset il-fedina penali tiegħu kif ukoll l-amissjoni bikrija, flok tikkundannah qed tpoġġih taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal **żmien sentejn** mil-lum. Il-Qorti fehmet lill-imputat l-artikolu 7 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------